# AHBARIJIET TA' L-ART IMQADDSA

**Laqgha bejn Husejn u Naser** — Billi issa l-Prim Ministru tal-Eġittu, Muhammed Nâser u r-Re Husejn tal-Ġordanja għamlu ħbieb, biex dejjem tissaħħaħ il-għaqda bejn il-Pajjiżi Għarab, ma jdumux ma jiltaqgħu u jitħaddtu fit-tul fuq x'għamla ta' xogħol għandu jsir għal ħarsien u l-ġid tal-artijiet tagħhom.

**Zmien il-Kustodju mtawwal** — Kien maqtugħ mid-Definitorju Ġenerali tal-Ordni Franġiskan f'Ruma, li ż-żmien tar-Rev.mu Patri Kustodju tal-Qabar ta' Kristu, P. Alfredu Polidori O.F.M., ikun imtawwal sas-sajf li ġej. Billi dan il-Patri kien maħtur Kustodju f'Lulju tas-sena 1957, iż-żmien tiegħu ta' 4 snin kellu jagħlaq f'Lulju ta' din is-sena. Issa ż-żmien tiegħu kien imtawwal sas-sajf tal-1962 biex jilħaq itemm xi xogħlijiet fl-Art Imqaddsa li kien beda.

**In-nies li zaru l-Art Imqaddsa** — Il-għadd tan-nies li jiġu jżuru l-Art Imqaddsa, u jieħdu ħsiebhom ir-Rhieb Franġiskani ta' Ġerusalem, għiejed dejjem jiżdied. Mill-ewwel ta' Mejju sa l-aħħar ta' Ġunju li għadda marru għadd kbir ta' żawwara Ġerusalem, u kollha għamlu d-Daħla tagħhom bil-kbir fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu. Dawn huma: 120 ruħ mill-Olanda; 168 mill-Ġermanja; millItalja ġew 98 ruħ, u mill-Awstrija 124. Minn Libnan ġew 28 u 48 minn Kolumbja. Ġew ukoll 35 Taljani mill-Brażil; 28 ruħ, imħalltin, ġew minn kemm il-nazjon tal-Amerka t'Isfel, u 47 mill-Arġentina. Barra minn dawn il-Franġiskani ħadu ħsieb ta' 240 suldat tal-Ġnus Magħquda li ġew ukoll iżuru l-Art Imqaddsa u xi elfejn oħra li ġew jew weħedhom jew f'ġemgħat żgħar.

**President tal-Frangiskani ta' Gerusalem** — Billi r-Rev.mu P. Kustodju tal-Qabar ta' Kristu f'Lulju dis-sena, ħtieġlu jmur Ruma jaqdi xi xogħlijiet, ħalla minn bdielu lil W.R.P. Injazju Mancini (*) bħala sakemm jarġa' jiġi l-Kustodju minn Ruma, it-tmexxija ta' kull xorta ta' xogħol tal-Franġiskani f'Ġerusalem tkun f'idejh.

**Sejba kbira ta' zmien Bar-Kokba** — Il-Ġeneral Lhudi Prof. Yigael Yadin, ma ġemgħa ta' 45 ħaddiema, sab għar in-naħa tal-Baħar il-Mejjet b'kotra kbira ta' għodda ta' żmien it-tixwixa ta' Bar-Kokba kontra r-Rumani, fis-sena 133 W.K. S'issa nsabu f'dal-għar għadd ta' borom tat-tisjir, xwabel u skieken, ġarar u bwieqi u mnajjar. Insabu wkoll kotra ta' dokumenti, jew kitbiet fuq il-ġild u fuq il-papiri (qxur tal-qasab). Jidher li f'dal-għar kienu jgħammru żewġ familji kbar,

Il-għar jinsab ġewwa l-wiċċ tal-blat fuq irdum egħmiq, u ħadd ma jista' jitla' fih jekk ma jkunx imħarreġ sewwa u mdorri jixxabbat. Fuq l-għar, fil-quċċata, jidhru l-fdalijiet ta' kamp tar-Rumani ta' żmien Hadrijanu. S'issa għadu m'hux magħruf kif ħareġ għażilhom in-nies ta' dak l-għar, jekk mietux bil-ġugħ jew ħarġu u nqabdu. Il-għar għadu m'hux imfittex kollu.

---

(*) *Il-W.R.P. Mancini magħruf mill-qarrejja tagħna, għax ġie li qlibna bil-Malti u xandarna f'dan il-Qari xi kitbiet sbieħ minn tiegħu. Ara: "Reġistri ta' Casa Nova", fil-ħarġa N. 3, u "Diwi ta' kliem il-Papa", u "It-Twelid ta' Ġesu' fl-Evanġelju tat-Tfulija", fil-ħarġa N. 4, kollha* 1959.

# REQUIESCANT IN PACE

*Nixtiequ li l-imseħbin tagħna jitolbu għar-ruħ għażiża ta' dawn li ġejjin, li telqu minn din id-dinja qabilna, u li nieshom jixtiequna niftakru fihom fit-talb tagħna.*

DINGLI — Il-Kappillan, Familja Ebejer, Cetta, Gejtu, Marija, Margerita Xerri, Familja Muscat, Maddalena Muscat, Ġovanni Galea, Margerita Galea, Familja Spiteri, Familja Muscat, Familja Abela, Familja Abela, Salvatore Saliba, Familja Pawlu Bugeja, Ġużeppi u Felicita Grixti, Familja Gauci, Marija, Antonja u Kelinu Schembri.

ĦAMRUN — Manwel, Lukrezja, Saċ, Manwel, Cata, Vincenzo Rodenas, Carmelo u Ruġġieru Casha, Bernardo u Assunta Simler, Ġużeppe Michelina Xerri, Carmelo, Rożarja, Francesco Grech, Ġużeppe Xerri, Ġużeppe Mercieca, Michelina Muscat, Ġużeppa, Cristina, Ġovanni Suda, Carmelo Grech, Edwardu Sammut, Concetta Borg, Manwela Spiteri, Emilja Galea, Manwela Borg, Vincenzo, Ludgarda, Anġelo Galea, Ġużeppe Camilleri.

LUQA — Roccu Caruana. Ġużeppa Caruana, Carmela Caruana, Andru Caruana, Michele Caruana, Giacomo Caruana, Lorenzo Cassar, Marianna Cassar, Marianna Debattista. Marianna Spiteri Ġużeppe Spiteri, Salvu Spiteri, Margarita Cassar, Rożina Mifsud, Andrea Spiteri Maria Antonia Spiteri, Maria Carmela Spiteri.

QORMI (*San Bastjan*) — Carmelo u Anna Bonnici, Ġovanni, Lukarda, Ġużeppe, Catarina, Ġużeppe, Ġorġ, Carmelo u Mikiel Asciak, Ġorġ Camilleri, Carmelo Apap, Cetta, Ġovanni u Ġuża Sammut, Anna, Calċedonju, Francesco u Salvu Grech, Ġużeppe u Ġovanni Montebello, Mananni, Assunta Formosa, Rożarja u Ġużeppi Barbara.

QRENDI — Marirose, Pawlu, Ġuża Farrugia, Antonio u Speranza Caruana, Ġovanni Ġovanni u Maddalena Magro, Marija Mifsud, Carmelo Balzan, Anġelo Balzan, Celestino Sciberras, Carmela, Angelo Vella, Marija, Michele u Pawlu Magri, Filomena, Anġela, Antonio Mifsud.

SAFI — Ġovanna Vella, Pawlu Cauchi, Ġovanni u Marija Muscat, Carmelo Dalli, Marija, Nardu, Consilja u Anġlu Busuttil, Ġużeppe Busuttil.

SENGLEA — Leone Agius, Ġużeppi Cutajar Castagna, Ġuditta u l-Familja Vassallo.

ŻURRIEQ — Carmela u Kelinu Farrugia, Carmel, Vincenza Vella, Ġovanni u Ġużeppi Abdilla, Ġovanna u Francesco Camilleri, Alessandro u Catarina Falzon, Ġużeppi Caruana, Ġużeppa u Grezzja Camilleri.

TARXIEN —Ġużeppe, Salvatore, Carmela u Ġorġ Pace, Carmela Vassallo, Enrico Vassallo, Gabriele, Gejtanu, Anġilkina, Carmelo u Pawla Grixti, Carmelo u Lonza Cassar, Carmelo Cassar.

ŻABBAR — Grazzja u Grezzju Bugeja, Familja Abela, Marija Cutajar, Ġovanni u Alfredo Cutajar, Charles u Domenika Pool, Ġorġa Inskip, Cata Zerafa, Ġużeppe Cachia, Familja Boncalais, Familja Bonnici, Ġanni u Pawlina Vella, Familja Cutajar, Familja Bonnici.

GĦARB GĦAWDEX — Salvu Galea Luiġi Grech, Maria Grech, Victor Grech Bajjada, Margerita Mizzi, Ġużeppi Mizzi, Lonza Mizzi, Carmela Mizzi, Luiġi Mizzi, Feliċ Mizzi, Maria Mizzi, Ġuseppe Cauchi Maurizju Cauchi, Ġennaro Cauchi, Nichola Portelli, Marianna Debrincat, Salvu Asciak, Giovanni Mejlaq, Anġelica Portelli, C. Katarina Mizzi, Pawlu Mizzi, Annunzjata Mercieca, Rożalja Michelangelo, Ġużeppa Angela Mizzi, Maria u Micheangelo Micallef. Michela u Ġużeppa Cassar, Michelangelo u Marianna Mizzi, Ġiovanni Antonio, u Teresa Cassar, Michele Mercieca, Marija Agius, Marianna Micallef, Salvu u Geswarda Vella, Ġorġ, Ġużeppe u Marija Calleja, Toni u Ġużeppi Tabone.

SANNAT — Rożina u Ġovanni Mercieca, Dolores Xerri, Carmelo u Carmela Portelli, Ġużeppi, Marija, Franċesco Spiteri, Paul, Francesco Muscat, Lorenzo Sciberras, Antonio Farrugia, Carmelo Curmi, Francesco u Kelinu Debrincat, Antonio Rosa Sacco, Ġużeppa, Lwiġi, Dun Ġwann, Dun Ġammari u Ġużeppi, Antonio, Mercieca, Carmelo Cini, Francesco Cassar, Michele u Marianna Azzopardi, Salvu, Roża u Mikiel Caruana, Ġużeppi, Ġovanna Chetcuti, Ġużeppe Galea, Carmelo Mercieca, Fortunato u Vittorja Galea, Lwiġi, Ġużeppi, Marianna, Anġelo, Carmelo, Ġużeppa, Roża, Mikelanġ Vella, Michele u Ġużeppa Grima, Michele, Rożina, Mercieca, Familja Buttigieg, Familja Muscat, Familja Buġeja, Familja Buttigieg, Salvatore u Ġużeppa Spiteri, Familja Cremona, Michele u Rożina Mercieca, Familja Buttigieg, Ġużeppa u Ġużeppi Muscat, Familja Bugeja, Carmelo Farrugia, Salvu Buttigieg, Salvu u Ġużeppa Spiteri, Familja Cremona, Familja Spiteri, Familja Muscat, Familja Spiteri, Ġużeppi u Roża Muscat, Familja Bugeja.

*Min-naħa tagħna niżguraw qrabathom li l-erwieħ ta' dawn il-mejtin għeżież ikollhom dejjem sehem millquddies li jitqaddes fuq il-Qabar ta' Kristu.*